# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Marzu - April 1991 Nru. 59

**IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET**

# 'Nista' nkun Parrinu?"

Mhux darba u tnejn jiġi xi ħadd ikellimni u jsaqsini din il-mistoqsija: **"Nista' nagħmilha ta' parrinu?"**

L-ewwelnett irrid ngħid li din hija mistoqsija żbaljata; għaliex ma għandniex ngħidu **"nagħmilha ta' parrinu jew parrina"**, iżda għandna ngħidu: **"nista' inkun parrinu jew parrina?"** Meta persuna tgħid li trid tagħmilha ta' xi ħaġa dan ikun ifisser li qisha qed taħdem parti li ma hijiex tagħha. Hekk per eżempju nistaqsu: **"Nista' nagħmel il-parti ta' Pietru fid-dramm tal-Passjoni?"** Mill-banda l-oħra ħadd ma jgħaddilu minn rasu jsaqsi jekk jistax jagħmel il-parti ta' missier jew ta' omm meta jkunu missier jew omm it-tarbija li tkun.

Mela: **"Nista' inkun parrinu jew parrina?"**

Qabel inwieġeb għal din il-mistoqsija tajjeb nifhmu eżatt min huma **l-parrinijiet.** Il-Parrinijiet huma persuni li titlobhom il-Knisja fis-Sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma. Huma jidħlu responsabbli li jgħinu lil dawk li jkunu irċevew dawn is-Sagramenti **biex jikbru fil-fidi, iħarsu l-Kmandamenti u jħobbu l-proxxmu**



**kif għallimna Kristu.**

Naturalment biex wieħed jista' jaqdi dan id-dmir, huwa stess għandu jkun qiegħed igħix b'dan il-mod. Mela **biex wieħed ikun parrinu jrid:-**

**1.** Ikun membru tal-Knisja Kattolika, u jaċċetta t-twemmin kollu tagħha.

**2.** Ma jittraskurax it-tagħlim nisrani u t-talb.

**3.** Jirċievi s-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin.

**4.** Ikun għalaq is-16 - il sena.

**5.** Ikun irċieva l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.

**6.** Ikun qed jgħix ħajja nisranija.

**7.** Ma jkunx il-missier jew l-omm.

Xi drabi jistaqsuni: **"Jistgħu joqgħodu żewġt irġiel jew żewġ nisa parrini fil-Magħmudija?"** It-tweġiba hija LE. Il-Knisja trid li l-Parrini jkunu jew raġel wieħed jew mara waħda, jew raġel u mara flimkien. Din hija liġi tal-Knisja għal kulħadd, u l-ebda Arċipriet jew Kappillan ma jista' jagħti permess kontra tagħha.

Qabel ma wieħed jew waħda jagħmlu parrini, għandhom jitolbu dikjarazzjoni mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa fejn joqgħodu, u l-Kappillan jaċċerta li dik il-persuna għandha l-kwalitajiet meħtieġa għall-parrinu jew parrina, kif semmejt iktar 'il fuq. *ikompli f'paġna 2*

**L-IKLA TA' JUM SAN ĠORĠ 1991**

***HOTEL TA' ĊENĊ***

***Nhar il-Ħadd 21 ta' April 1991 fis-12.30p.m.***

*organizzata mill-**Ladies Society***

*b'risq ir-Restawr tal-Kwadru ta' l-Erwieħ*

**JUM SAN ĠORĠ**



**It-Tlieta 23 ta' April**

***Fis-7.00 p.m.***

***Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof flimkien mal-Kapitlu Ġorġjan.***

**IL-BELT VICTORIA**

**RIVISTA TA' KULL XAHREJN**

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

**"NISTA' NKUN PARRINU?"** *jaqbad minn paġna 1*

Hawnhekk nixtieq insemmi żball li xi wħud qed jaqgħu fih. Xi kultant l-ġenituri jagħżlu bħala parrinu jew parrina persuna li tinzerta tkun hawn f'pajjiżna għall-vaganzi, u li fi ftit jiem wara issiefer f'art il-bogħod. Din il-persuna ma tkunx tista' ssegwi mill-qrib lit-tifel jew tifla li tkun għamlitilha parrinu jew parrina, u għalhekk l-iskop tal-Knisja ma jintlaħaqx.

Nippruvaw, għalhekk, **nagħmlu għażla tajba bħala parrinu jew parrina għall-uliedna.** Ma ninsewx li l-formazzjoni ta' uliedna mhix ċajta, anzi hija responsabilita' kbira fuq spallejna. Mhux aħjar ikun hemm min **VERAMENT** jgħinna?

## *Membri ġodda fil-Komunita' Parrokkjali:*

16.2.91: ANDREW, iben Saviour Farrugia u Maria Gloria nee' Masini.
24.2.91: REBECCA, bint Robert Mallia u Josephine nee' Galea.
2.3.91: DORALEE, bint George Borg u Pauline nee' Cauchi.
23.3.91: STEVEN, iben John Caruana u Sonia Rose nee' Falzon.

## *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:*

21.2.91: Ġanni Mizzi
27.2.91: Carmela Cutajar
3.3.91: Anton Sacco
15.3.91: Carmela Mercieca

## Kumitat tal-Ladies Society 1990-1991

*Presidenta:* Mrs G. Cassar
*Viċi Presidenta:* Mrs A. Frendo
*Segretarja:* Miss A. Azzopardi
*Assistenta Segretarja:* Miss R. Scicluna
*Teżoriera:* Mrs. T. Mizzi
*Membri:* Mrs. V.Borg, Mrs. C. Cassar, Mrs . R. Ellis, Miss. C. Frendo, Mrs. D. Mizzi, Miss. C. Pace, Mrs. G. Xerri.

editorjal

# FIL-MEWĠ U L-ĦALEL TAL-ĦAJJA

Hija ħaġa ċerta li matul l-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna jiġu mumenti li naqtgħu qalbna, li nkunu ser nitilfu rasna, li donnu ma jibqalniex tama. Kulħadd żgur li jgħaddi matul ħajtu mill-maltemp u jiltaqa' illum jew għada mal-mewġ u l-ħalel u forsi jonqsu l-kuraġġ.

Anke l-parroċċa tagħna jiġu żminijiet li tkun trid tħabbat wiċċha ma xi għawġ. Jiġu żminijiet li għall-parroċċa, għall-mexxejja tagħha u membri kollha tagħha jkunu żminijiet ta' prova. Min għandu ċerta eta' żgur li jiftakar fi żminijiet diffiċli bħal dawn. Iżda forsi minkejja kollox dawk kienu żminijiet li flok tefgħuna lura iktar għaqqduna u żammewna ma' xulxin. Kienu żminijiet li għalkemm koroħ warajhom tfaċċaw żminijiet isbaħ u iktar feliċi. Għaliex?

Dan kollu ġara għax f'kull għawġ u nkwiet żammejna qawwija f'qalbna t-tama tagħna f'Alla l-Imbierek u fl-għajnuna li dejjem kellha l-parroċċa għażiża tagħna fil-Patrun tagħha u t'Għawdex San Ġorġ Martri. Tajjeb għalhekk li bħal ta' qabilna għandu jkollna għożża speċjali għall-jum tat-23 ta' April - Jum San Ġorġ. F'dan il-jum mhux biss għandna ninġabru fil-Bażilika tagħna u nirringrazzjaw 'l Alla ta' kull barka li sawwab fuqna bl-interċessjoni ta' San Ġorġ, imma għandna wkoll nidħlu daħla fina nfusna u naħsbu fuq dak li għaddew minnu missirijietna li bil-għajnuna u l-ħarsien ta' San Ġorġ, baqgħu sħaħ fil-fidi tagħhom u għelbu kull għawġ, niket, tilwim, gwerer, nixfa, terremoti, u affarijiet oħra li għaddew minnhom.

Żgur li l-jum tat-23 ta' April iġib f'kull Ġorġjan sinċier u li verament iħobb lilu u lill-parroċċa li tagħha hu l-Patrun, imħabba ikbar lejh. Żgur li dan il-jum ikun għal ħafna minna jum ta' talb u tifħir lil San Ġorġ. Żgur li dan il-jum ikun għal ħafna, jum ta' ringrazzjament tal-protezzjoni li dejjem gawdejna taħt il-Patroċinju tal-Megalomartri Ġorġi. Ma nistgħux qabel nagħlqu ma nsemmux li nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju jibdew id-Disa' Ħamisijiet bi tħejjiha għall-festi kbar f'ġieh San Ġorġ li nagħmlu fit-Tielet Ħadd ta' Lulju. Tkun ħaġa xierqa li ma nitilfux il-quddiesa bil-priedka li ssir kull nhar ta' Ħamis filgħaxija fil-Bażilika tagħna. It-tħejjija spiritwali hija ferm iktar importanti minn kull tħejjija oħra.

**Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija:**
***Matul il-Ġimgħa:** Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.*
***Ħdud u Festi:** Fil-5.00p.m. u fis-6.30p.m.*

# Esibizzjoni u Bejgħ ta' Pittura oriġinali b'risq ir-Restawr tal-kwadru ta' l-Erwieħ

Kulħadd qabel ma l-inizjattiva li qed tieħu l-parroċċa tagħna li tagħmel dak kollu li hem bżonn ħalli jiġi restawrat il-kwadru ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju, xogħol il-pittur magħruf Kalabriż, Mattia Preti.

Biex ikompli jinġabru fondi għal dan il-għan il-Kumitat Storiku Kulturali tal-Parroċċa tagħna ser jorganizza esibizzjoni ta' pittura dwar Għawdex, kollha oriġinali, tal-pittur taljan Giorgio Rocca. L-iskop ta' l-



*Il-Kwadru ta' l-Erwieħ*

esibizzjoni huwa prinċipalment li dawn il-kwadri jinbiegħu u l-qliegħ minnhom imur għall-fond tar-restaw. F'din il-wirja ser ikun hemm ukoll għall-bejgħ riproduzzjoni ta' inċiżjoni tas-Seklu Sbatax li turi panorama tar-Rabat f'dawk iż=żminijiet. Minn din ir-riproduzzjoni ser jiġu stampati biss tlett mitt kopja.



*Giorgio Rocca*

Tkun haġa xierqa li minn dawn il-kolonni nħeġġu lill-membri kollha tal-komunita' Parrokkjali tagħna biex iżuru l-wirja u dawk li għandhom verament għal qalbhom il-wirt artistiku li ħallewlna missirijietna jgħinu din l-inizjattiva billi jakkwistaq xi kwadru milli ser ikun hemm.

Din il-wirja ser tinżamm fis-Sala ta' l-Esibizzjonijiet fi pjazza San Franġisk ġentilment mislufa lill-Kumitat Storiku Kulturali mill-Ministeru għal Għawdex. Il-ftuħ uffiċċjali tal-wirja ser isir nhar il-Ħadd 21 ta' April 1991 fis-7.00p.m. mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Anton Tabone M.P. u titbierek mill-Ecc.Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex. Il-wirja ser iddum miftuħa sal-Ġimgħa 26 ta' April. Il-Mid Med Bank qed jagħti l-għajnuna tiegħu billi qed jisponsorja b'għotja ta' flus.

## Għotjiet b'risq ir-Restawr

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li matul il-Korsijiet ta' l-Eżercizzi Mqaddsa li nżammu fil-Parroċċa tagħna taw is-sehem tagħhom fil-ġbir li sar b'risq il-fond għar-restawr tal-kwadru ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Is-somma miġbura għal dan il-għan kienet ta' Lm611. Aħna ċerti li jkun hemm persuni oħra li meta tassew jifhmu kemm hemm bżonn li nieħdu ħsieb din il-gawhra ta' kwadru żgur li huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom. *Grazzi.*

## *Tislima lil Mro Edgar Lowell*



Nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 1991 tħabbret il-mewt ta' Mro. Edgar Lowell fl-eta' ta' 90 sena. L-aħbar tat-telfa ta' Mro. Lowell ma' jistax ikun li ma niktibx lid-Direzzjoni, il-bandisti, lis-soċi u l-ammiraturi tal-Banda Ċittadina La Stella li magħha huwa għadda tnax-il sena bħala Surmast Direttur. Dan kien bejn is-snin 1958 u 1970.

Matul dan iż-żmien bla tlaqliq ngħidu li Mro. Lowell għaraf jidderieġi l-banda bl-akbar impenn u dedikazzjoni. Bosta kienu l-okkażjonijiet li fihom Mro. Lowell iddistingwa ruħu fid-direzzjoni, fosthom Kunċert Vokali-Strumentali fl-okkażjoni tal-Ewwel Ċentinarju mit-tnissil tal-Banda, (1963) u Programm Mużikali bis-sehem tal-Kor tal-Ħamrun biex jikkommemora l-ftuħ uffiċċjali tat-Teatru Astra (1968).

Mro.Edgar Lowell ikkompona diversi marċijiet għall-festa ta' San Ġorġ. Huwa kiteb ukoll għadd ta' marċi funebri.

Minkejja t-telfa tiegħu, isem Mro. Edgar Lowell jibqa' għal dejjem assoċjat mall-Banda La Stella għas-servizz siewi li ta lis-Soċjeta' bid-direzzjoni mużikali għaqlija tiegħu.

Lil uliedu Sr. Alessia, Ersilia, Arthur u l-familji tagħhom, nagħtuhom il-kondoljanzi tagħna.

# GĦALIEX XI NIES JABBUŻAW MID-DROGA?

L-abbuż tad-droga — li huwa ħarba mir-realta' — jġiegħlna naħsbu li hawn xi ħaġa li sejra ħażin fil-biedem; li hawn xi ħaġa li mhiex taħdem sewwa fil-familja u fis-soċjeta', minkejja li l-qoxra ta' barra tidher sabiħa.

**1. *Il-Bidla fis-Soċjeta' Maltija***

Is-Soċjeta' Maltija nbidlet ħafna



f'dawn l-aħħar 25 sena. Dan il-proċess ta' bidla mgħaġġla ma konniex kapaċi nadattaw irwieħna għalih. Bosta tibdiliet li saru fil-qasam tal-politika, fil-qasam soċjali u dak ekonomiku kienu meħtieġa u ħallew il-frott tagħhom, iżda fil-qasam kulturali u reliġjuż bqajna xi ftit lura. Poġġejna nbid ġdid f'damiġġjani qodma, bir-riżultat li tlifna u qegħdin nkomplu nitilfu l-valuri indispensabbli għal soċjeta' b'saħħitha, bħal ma huma l-onesta', il-konsistenza, s'sens ta' responsabbilta', l-imħabba u r-rispett lejn xulxin, is-solidarjeta' u l-impenn soċjali.

Daħlu valuri oħra jew aħjar "life styles" oħra permissivi: il-flus kollox, il-pjaċir qabel id-dover, l-akkwist ta' l-oġġetti u l-użu tan-nies għal skopijiet egoistiċi, il-ħarba minn kull impenn familjari u soċjali meta dan ixxekkilna. F'dan il-kuntest, l- "image", id-dehra tiegħi nnifsi ssir aktar importanti minn dak li jien fir-rejalta'. Il-qasma li qegħdin naraw fl-individwu w il-konflitti, l-kriżijiet u l-fallimenti fil-familja huma xhieda li mhux kollox sejjer tajjeb.

Kitba ta'
MONS. VICTOR GRECH

Il-mezzi tal-kommunikazzjoni qed ikollhom effett qawwi fuq il-bidla tal-mentalita' u ta' l-attitudni tagħna lejna nfusna, lejn il-ħajja u lejn l-oħrajn.

**2. *L-Ambjent Soċjali***

It-tfal u ż-żgħażagħ huma vulnerabbli ħafna għall-ambjent



li jkunu jgħixu fih.

L-ambjent familjari u soċjali għandu forza qawwija ħafna fuq na fl-eta' formattiva u fl-iżvilupp ta' l-adoloxxenza. L-għażliet u l-imġieba tagħna huma f'ħafna każi kundizzjonati mill-ambjent li fih nikbru u ngħixu.

Hemm qasma kbira bejn dak li bosta żgħażagħ jaspiraw għalih f'soċjeta' ħielsa u dak li fil-fatt qegħdin jaraw, jisimgħu u jġarrbu. Nieqsa x-xhieda! Ir-Role Models! Ir-riżultat qed ikun fuq xi wħud minnhom frustrazzjoni, biża' u inċertezza. Qed tinħoloq nuqqas ta' kredibbilta' f'istituzzjonijiet ewlenin: l-Istat, il-Knisja u l-Familja.

**3. *It-Tbatija tistimola lil min iħossu dgħajjef biex jaħrab mir-rejalta'***

Qed insibu li bosta miż-żgħażagħ



u miżżewġin żgħar li jiġu għall-għajnuna fil-Caritas huma nies imkissra, imweġġa', bi stima baxxa tagħhom infushom; nies mingħajr kenn fis-soċjeta'.

It-tbatija fiżika, mentali, emozzjonali jew spiritwali hija fil-fatt twissija li hemm problema jew problemi li rridu nirrisolvu. Il-problemi jistgħu jkunu sfida meta s-soluzzjonijiet tagħhom ikunu possibli — iża meta ma nagħrfux it-triq li minnha nistgħu noħorġu, jista' jiġri li jew l-qalb tibbies u tiżvojta mill-affezzjoni u mill-kompassjoni jew nagħlqu "s-shutters" biex la naraw u lanqas nisimgħu, jew inkella nsibu mezzi oħra kif ninsew il-weġa' billi naħarbu r-rejalta' iebsa li nkunu fiha.



**4. *Il-Familja***

Il-familja li sa xi snin ilu kienet kenn u tarka għall-ulied qed issir

"arena" ta' konflitti. Minħabba li hawn numru mdaqqas ta' ġenituri li għaddejjin minn kriżi fiż-żwieġ tagħhom, dawn tilfu l-kapaċita` li jkunu "role models" għal uliedhom. F'ambjent familjari nieqes mill-imħabba, mir-rispett u mill-kommunikazzjoni l-ewwel ma jbatu huma l-ulied għaliex iħossu li ma hemmx posthom fid-dar u jfittxu alternattivi oħra bikrija.

Fejn ikollok ġenituri li jinħabbu iżda mgħandhomx ħin u spazju għal uliedhom minħabba l-impenji tax-xogħol jew impenji oħra soċjali, l-ulied iħossuhom imġenba, minkejja l-kumdita' u l-flus li jingħatawlhom.

Jiġri wkoll li f'ċerti każi, l-ġenituri jistennew wisq minn uliedhom mingħajr ma jagħtu każ tal-kapaċitajiet ta' wliedhom u minflok ma jimxu ma' l-iżvilupp naturali tagħhom, jgħaġġluhom iż-żejjed f'kompetizzjoni bla rażan u joħolqulhom frustrazzjoni u nuqqas ta' stima fihom infushom meta dawn ma jkunux jistgħu jiksbu dak li l-ġenituri jkunu qed jistennew minnhom.

### *5. Il-"Peer Pressure"—Il-Pressjoni tal-Ħbieb*

Iż-żgħażagħ tal-lum qed jassoċjaw kmieni fi gruppi. Il-ħbieb huma indispensabbli f'ċerta eta' għaliex jgħinuna nissoċjalizzaw, iżda meta ma jsirux għażliet għaqlin, il-grupp li fih inkunu jista' jkollu effetti negattivi fuqna. It-tagħrif ta' l-identita' personali u l-għażliet dwar il-futur qed jittieħdu f'eta' meta bosta żgħażagħ ikunu qed jemanċipaw ruħhom mill-familja.

Ħafna miż-żgħażagħ li jsiru dependenti mid-droga jafu l-bidu tat-traġedja tagħhom lill-pressjoni li kellhom minn sħabhom fl-iskola jew fl-ambjenti fejn iqattgħu l-ħin liberu tagħhom. Jekk issir parti minn din is-"sub-culture", ikun diffiċli biex toħroġ miċ-ċirku.



### *6. Il-Personalita' ta' l-Individwu*

Mhux iż-żgħażagħ kollha jgħaddu mill-esperjenza tad-droga iżda min ikollu stima baxxa tiegħu nnifsu, min iħossu imwarrab u mweġġa', min ikollu storja ta' addizzjoni fil-familja, min ikun nieqes minn "coping skills" biex jagħmel tajjeb għall-pressjoni li jkollu fuqu u min jesponi lilu nnifsu ż-żejjed għar-riskju, ikun qed ipoġġi lilu nnifsu f'diffikultajiet kbar, jekk ma jagħrafx jitlob l-għajnuna u s-support fil-waqt.

### *7. Is-Suq tad-Droga*

Minkejja li l-ambjent u l-personalita' ta' l-individwu huma fatturi determinanti jekk wieħed jaqax jew le fl-abbuż tad-droga, id-deċiżjoni finali hija dejjem ta' l-individwu. Iżda s-suq miftuħ b'kull xorta ta' droga għal kull eta' huwa theddida kontinwa għal min hu dgħajjef jew imweġġa'.

Is-soċjeta' għandha tħares b'kull mezz għad-disposizzjoni tagħha lil min ma jagħrafx jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, trażżan lil min jinqeda biż-żgħażagħ biex ikabbar butu u teduka lill-ġenituri u lill-għalliema biex ikunu mudelli ta' imħabba, rispett u ħniena bla tmiem.



*Din it-taħdita saret minn Mons Victor Grech nhar is-sibt 2 ta' Frar 1991 f'Seminar dwar id-Drogi li sar fil-Lukanda Verdala u li kien organizzat mill-AZAD.*

## BAZAAR TA' L-GĦID

Bejn il-25 u s-27 ta' Marzu sar fi Pjazza San Ġorġ il-Bazaar ta' l-Għid li għas-suċċess tiegħu ħadmu bi sħiħ il-membri tal-Ladies Society tal-parroċċa tagħna sa minn xhur qabel. Il-membri tal-Ladies Society ħadu ħsieb sa minn ħafna qabel iqassmu x-xogħol bejniethom, jagħtu xogħol ta' ħjata lil diversi persuni oħra u jiltaqgħu diversi drabi fiċ-ċentru parrokkjali biex jaħdmu l-figolli u ħelu ieħor. Dan il-Bazaar sar b'risq il-proġett tal-pjaneti tal-festa li d-drapp speċjali ghalihom dalwaqt jasal fostna mill-Italja. Nifirħulhom u nirringrazzjawhom ghax-xogħol li qed jagħmlu b'risq il-Bażilika tagħna. Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur Tarcisio Zammit li kull sena joffri l-post fejn jinzamm il-Bazaar u lill-furnar Salvu Mercieca..



*Xi wħud mill-"Ladies" waqt ix-xogħol fuq il-figolli fiċ-Ċentru Parrokkjali*

**TAL-MUSEUM BNIET JAGĦLQU 50 SENA FOSTNA** — Il-Bord Editorjali flimkien mal-Komunita` Parrokkjali jixtieq jifraħ lis-Soċjeta` tal-M.U.S.E.U.M. Bniet tar-Rabat f'għeluq il-50 Sena ta' ħidma fostna. F'din l-okkażżjoni fil-Bażilika tagħna ser tinżamm Konċelebrazzjoni nhar il-Ġimgħa, 12 ta' April 1991 fis-7.00 p.m.

# VESTIZZJONI TA' ABBATINI ĠODDA

Fil-kalendarju ta' l-attivitajiet pastorali fil-parroċċa tagħna dan l-aħħar żmien daħlet ċelebrazzjoni ġdida li għalkemm hija sempliċi imma għandha sinjifikat kbir: **Il-Vestizzjoni ta' l-Abbatini.**

Nhar is-Sibt 9 ta' Marzu 1991 fil-quddiesa tal-5.00p.m. l-Arċipriet tagħna laqa' żewġ abbatini ġodda u erba' Benjamini. L-abbatini l-ġodda kienu Josmar Grech u Mark Ġorġ Zammit, waqt li l-Benjamini kienu Christian Zammit, Ian Genuis, Silvio Cini u Ġorġ Mario Farrugia.



L-iskop ewlieni tal-vestizzjoni hu li t-tfal 'abbatini' iġeddu l-wegħda tagħhom lil Ġesu` li jkunu veri "ħbieb intimi tiegħu" billi jagħżlu lilu qabel il-logħob, iħobbuh bl-eżempji tajba, u jimitaw f'ħajjithom il-ħajja tal-patrun tagħhom San Domenico Savio.

Wara ċ-ċerimonja fil-knisja, sar riċeviment għall-abbatini kollha flimkien mal-ġenituri tagħhom fiċ-Ċentru Parrokkjali. *(Ritratt: il-grupp kollu ta' l-abbatini flimkien ma' Mons. Arċipriet u Dun Ġorġ Grima d-Direttur tagħhom.)*

## *Ġimgħa Ewkaristiko - Liturġika*

Nhar il-Ħadd 28 ta' April tiftaħ il-Ġimgħa Ewkaristiko - Liturġika fil-parroċċa tagħna. Għalkemm programm dettaljat jingħata iktar il-quddiem nistgħu nfakkru l-attivitajiet ewlenin. Nhar it-Tlieta 30 ta' April ser tinżamm l-Ewwel Tqarbina, filwaqt li s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof ser jingħata nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju. Il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd, 3, 4, 5 ta' Mejju jkunu l-jiem tal-Kwaranturi Mqaddsa bl-Adorazzjoni Solenni. Il-Ħadd 5 ta' Mejju fil-5.30p.m. Mons. Isqof Nikol Cauchi jmexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali u wara Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament mat-toroq tal-Belt Victoria.

## QUDDIEM XBIEHA TA' ĠESU KURĊIFISS



Ġesù mislub mogħni b'imħabba kbira,
Li ħajtek tajt għall-fidwa tal-bnedmin,
Itfa' ħarstek fuq qlub ta' mħabba fqira,
U għinhom fit-taqbida ta' kull ħin.

Għalkemm dirgħajk imsammra għadhom miftuħa,
Lill-midneb jistennew li mar minn ħdejk,
Għax Int tagħder u tħenn għad illi sieket,
Lill-midinbin tistenna hawn f'riġlejk.

X'faraġ iħossu r-ruħ, u l-qalb tal-midneb,
Meta nimda u sobiera jiġu ħdejk,
Għax mill-ġdid niżel raġġ ta' dawl u hena,
u nġibdu lejn il-pjagi ta' riġlejk.

Agħti Ġesù lid-dgħajfa qawwa u serħ,
Meta ħdejk jiġu biex iduqu l-ferħ.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*
*Rabat - Għawdex*


# ŻEWĠ PELLEGRINAĠĠI GĦAL LOURDES

***organizzati***

**mill-Bażilika ta' San Ġorġ**

1. Mid-29 ta' L [FULLY BOOKED] 'issu 1991
2. Mid-19 ta' sat-22 ta' Awissu 1991

***Tlett ijiem "Full Board" b'servizz ta' Direttur Spiritwali u Tour Leader***
*— Il-Prezz jitħabbar 'l quddiem. —*
BAQA BISS FTIT POSTIJIET

**ASTRA TOURS 1991**

***Erba' Ġiti għas-Sajf li ġej***
*Tagħrif u dettalji m'għand:*
***JOHN PORTELLI ENT. Tel: 556236***
*jew*
***PAUL M. CASSAR Tel: 551004***

## Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Erġajna ltqajna biex ngħidu kellmtejn f'din ir-rokna li r-rivista "Il-Belt Victoria" tirriserva għalikom. Għadna lkoll kemm aħna ferħanin bil-festa kbira ta' l-Għid. Nittama li għalikom it-tfal l-Għid ma ġiex biss biex kiltu partita figolli u bajd taċ-ċikkulata! Jiena nifhem li ridtu tpattu għal dawk il-ġranet tar-Randan meta, biex tagħmlu penitenza, ma kiltux ħelu, għalkemm xi wħud minnkom ma ssaportewx u waqfu f'nofs ta' triq! Biss irridu nifhmu li l-Għid il-Kbir ma jiġix biss għall-figolli u ċ-ċikkulata, imma jiġi l-iktar biex infakkru r-rebħa li għamel Sidna Ġesù Kristu fuq il-mewt. Xi jfisser dan għalina, tfal? Ifisser li aħna wkoll irridu nagħmlu rebħa, rebħa kbira fuq l-akbar għadu ta' ruħna — id-dnub! Ġesù rebaħ il-mewt tal-ġisem, u aħna rridu nirbħu dak li jista' jtebba' lil ruħna bil-kruha tiegħu. Nittama lil lkoll kemm intom taħtfu l-okkażjoni biex fl-Għid u l-ġranet li jiġu wara, tagħmlu proponiment sod li tgħixu dejjem il-ħajja tal-grazzja.

Barramindan, tfal ix-xahar t'April iġib miegħu l-festa liturġika tal-Patrun għażiż tagħna SAN ĠORĠ MARTRI. M'għandix dubju li lkoll kemm intom tafu meta taħbat din il-festa. Jien xorta se ngħidilkom, minħabba xi wħud minnkom li nsew id-data preċiża: it-23 t'April, li din is-sena jaħbat it-Tlieta. Biss, x'ifisser għalina dan il-jum kbir u għażiż? L-ewwel u qabel kollox, jeħtiġilna niftakru fit-tbatija kbira li bata San Ġorġ biex iżomm sħiħa u bla mittiefsa l-fidi tiegħu. U din it-tagħlima, aħna rridu neħduha. Nibżgħu wisq mis-sagrifiċċju; nibżgħu wisq mit-tbatija. Biex inżommu ruħna dejjem nadifa, m'għandniex nibżgħu niġġieldu kontra d-dnub u kontra dak kollu li jħajjarna għalih. Kultant ikollna nbatu; kultant ikollna bżonn nagħmlu xi sagrifiċċju. Ma ġara xejn. Jekk ma jkollnix wisq ħila, nitolbu lil San Ġorġ jagħtina l-kuraġġ u l-qawwa biex nieqfu sodi u determinati kontra kull ħażen. Tafu, tfal, kemm hawn affarijiet illum li jħajruna għad-dnub. Nitolbu lil San Ġorġ jagħtina wkoll l-għajnuna tiegħu biex niġġildulhom u nirbħulhom.

Għal-lum, daqshekk, tfal. Sa ma nerġgħu niltaqgħu, nixtiqilkom kull barka u ġid.

**Tatà Iz-Ziju Peppi**

## Programm ta' Marċi Funebri

Bħala parti mil-attivitajiet li ġew organizzati fil-Bażilika ta' san Ġorġ fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa, nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu ġie preżentat Programm ta' Marċi Funebri mill-Banda La Stella. F'dan il-Programm, il-Banda esegwiet uħud mill-marċi l-ġodda ta' din is-sena, fosthom il-marcia kbira tas-Surmast Direttur Joseph Vella, li huwa kiteb b'tifkira ta' missieru, Mro Ġanni Vella, ex-Surmast tal-Banda. Il-marcia ġġib l-




isem "Lill Missieri: Is-Surmast Ġanni Vella".

Kompożizzjonijiet oħra esegwiti f'dan il-Programm kienu jinkludu xogħolijiet ta' John Galea, Asst. Surmast Direttur, Giuseppe Giardini Vella, John Theuma, Matteo Finocchiaro u Enrico u Petrella. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. F'dan il-Programm ħadu sehem ukoll iż-żewġ korijiet tal-parroċċa, Chorus Urbanus u Laudate Pueri.

## "QUDDIEM IL-GOLGOTHA"



Nhar is-Sibt 16 ta' Marzu fis-Sala tal-Każin tal-Banda La Stella, l-**Għaqda Żgħażagħ La Stella** ippreżentat id-dramm "Quddiem Il-Golgotha" — il-ġrajja tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Cast ta' madwar 60 żagħżugħ ħadu sehem f'din il-produzzjoni li kienet bla dubju l-iktar waħda ambizzjuża li l-Għaqda tellgħet kemm ilha mwaqqfa.

Uħud mill-episodji tal-passjoni kienu tabilħaqq impressjonanti. Id-dramm ma naqasx li jiskopri talent ġdid f'għadd ta' żgħażagħ li minkejja li kienu qed jidħru fuq il-palk għall-ewwel darba, ħallew impressjoni tajba. Il-produzzjoni tad-dramm kienet ta' Fr. Louis Bezzina.

*Ritratt juri lil Ġesù* (Austin Camilleri) *fuq il-Mejda ma l-Appostli.*

## Disa' Aljievi mall-Banda La Stella

Disa' aljievi ngħaqdu għall-ewwel darba mall-Banda Ċittadina La Stella fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. L-aljievi ħarġu jdoqqu għall-ewwel darba nhar Ħamis ix-Xirka, 28 ta' Marzu 1991, meta l-Banda akkumpanjat il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

Il-bandisti l-ġodda huma Ino Attard, George Sacco, Marco Cremona, Jamie Camilleri, John Paul Scicluna, Joseph Sacco *(ilkoll klarinetti)*, George Attard *(Althorn)*, Antoine Mercieca *(Corno)* u George Mercieca *(Kurunetta)*.

Huma ġew imħarġa fit-tagħlim tal-mużika minn Joseph Bezzina *(sezzjoni tar-ram)* u George Borg *(klarinetti)*.



Fir-ritratt jidhru *(bil-wieqfa mix-xellug għal-lemin)* Marco Cremona, Jamie Camilleri, George Attard, George Mercieca, Antoine Mercieca, Joseph Sacco u John Paul Scicluna. Quddiem: Ino Attard, iż-żewġ surmastrijiet tal-aljievi George Borg u Joseph Bezzina, u Joseph Sacco.

## *"L-Għarajjes Imwegħda" fit-Teatru Astra*

Ir-rumanz ċelebri ta' Alessandro Manzoni "I Promessi Sposi", meqjus bħala wieħed mill-aqwa xogħolijiet fil-letteratura Taljana, se jiġi preżentat bħala dramm fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 13 t'April. Id-dramm ġie adattat għall-palk fl-ilsien Malti mill-kittieb magħruf Għawdxi l-Kan. Joe Mejlak.

In-nisġa tal-ġrajja tiġbor fiha l-episodji l-iktar importanti u drammatiċi li jeżistu f'dan ir-rumanz. Fost dawn insibu ż-żwieġ klandestin ta' Lucia u Renzo għand Don Abbondio, ix-xena f'lazzarett waqt il-pesta, il-festa tat-tieġ ta' Lucia u Renzo u oħrajn.

Dan ix-xogħol iqegħdilna quddiem għajnejna għadd ġmielu ta' xeni kommoventi bħal m'huma l-ħarba ta' Renzo u Lucia minn Como, iż-żjara ta' Fra Cristoforo lil Don Rodrigo, id-djalogu bejn Lucia u l-Innominato, il-mawra tal-Kardinal Borromeo għand l-Innominato, u x-xena ta' l-Omm tibki fuq il-ġisem mejjet ta' bintha waqt il-flaġell tal-pesta.

**"L-Għarajjes Imwegħda"** ghandu wkoll sitwazzjonijiet u karattri komiċi li kapċi jtaffu ftit mill-qawwa tad-dramm, bħal m'huma Perpetwa, il-qaddejja xwejħa ta' Don Abbondio, u Azzekkakarbulji, l-Avukat li Renzo jfittex biex jagħtih parir.

Dawn ix-xeni kollha mħawrin flimkien ghandhom ikunu l-aqwa ingredjenti fis-suċċess ta' din ir-rappreżentazzjoni.

## *L-IDEAL HOME EXHIBITION TIĠBED FOLOL KBAR*

Mijiet kbar ta' Għawdxin u magħhom saħansitra għadd sabiħ ta' Maltin li inzertaw fuq btala f'Għawdex matul dawn l-aħħar ġranet, żaru l-Ideal Home Exhibition li nżammet fil-Kumpless tat-Teatru Astra bejn it-22 u l-24 ta' marzu. Huwa mifhum li l-attendenza ta' din is-sena kienet waħda rekord. Ġie anke rappurtat bejgħ sostanzjali mill-esebituri kollha li ipparteċipaw fil-fiera.




Il-Ministru għal Għawdex Anton Tabone żar il-Fiera nhar il-Ħadd 24 ta' Marżu. Akkumpanjat mis-Sinjura Tabone, huwa ġie milqugħ u mdawwar mall-Kumpless mis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjeta' La Stella, u membri oħra tal-Kumitat Organizzattiv tal-Fiera.

L-Ideal Home Exhibition hija waħda minn żewġ fieri kbar li s-Soċjeta' La stella torganizza ta' kull sena. Il-fiera l-oħra, magħrufa aħjar bħala Calypso Fair, din is-sena se tinżamm bejn it-8 u l-10 ta' Novembru li ġej.

Printed: A+M PRINTING LTD. - ☎ 553217